**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**
**vs**
**Anees Badroush**

**Illum, 26 ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Anees Badroush ta' 29 sena, detentur tal-karta tal-identità numru 137262A, li permezz tagħhom ġie akkużat li:

*"...nhar l-10 ta' Jannar 2020 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ġewwa Triq l-Imdina, Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer;*

*1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, tajjar lil Emanuel Sacco (Id.983950M) u kkagunajtlu feriti ta' natura gravi u dan bi ksur tal-Artikolu 328 (b) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa u ċioe' nuccali u hearing aid, għad-dannu ta' Emanuel Sacco (Id.983950M) u/jew*

*persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur u ċioe il-vettura bin-numru IBM 754, b'manjiera perikoluża, traskurata u bla kont u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) (a) (2) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur u ċioe il-vettura bin-numru IBM 754, naqas li jieqaf fuq il-post jew li jirrapporta inċident tat-traffiku li hu stess kien involut fih u dan meta tajjar lil Emanuel Sacco (Id.983950M) u dan bi ksur tar-Regolament 67 (1) (5) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.11;*

*5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur u ċioe' il-vettura bin-numru IBM 754 fi triq pubblika, liema triq hija mgħammra b'sinjali ta' dawl li jirregolaw it-traffiku tal-vetturi, naqas li jieqaf meta s-sinjal kien qed jixgħel fuq l-aħmar u dan bi ksur tar-Regolament 125 (2)(a) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.11;*

*6. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, uża vettura bil-mutur fit-triq, meta ma kellux polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 103 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*7. U aktar talli fl-istess, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*8. U aktar talli rrenda ruħu reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar it-3 ta' Lulju 2018, liema sentenza hija defenittiva u ma tistgħux tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba illi f'każ ta' ħtija, l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu u/jew milli jottjeni xi liċenzja ohra tas-sewqan għall perjodu li jidrilha li huwa xieraq.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex b'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur u ċioe' il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni IBM 754.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Anees Badroush sabiex, jekk ikun il-każ, iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldqastant, filwaqt li nesebixxi estratt tal-NPS bid-dettalji ta' Anees Badroush kif ukoll il-fedina penali tal-istess Anees Badroush, nitlob li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-Ligi."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni. L-imputat iserraħ id-difiża tiegħu fuq il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma resqitx prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar min kien qed isuq il-vettura fil-ħin tal-inċident.

Il-Qorti fliet ix-xhieda prodotta.

**Emanuel Sacco**, il-vittma, xehed fit-28 ta' Jannar, 2020, fejn spjega kif seħħ l-inċident u l-grieħi li soffra per konsewgenza tal-inċident. Bil-ġurament tiegħu, huwa spjega li ma jafx min kien qed isuq il-karozza u lanqas ma jaf x'kulur kellha l-vettura li tajritu.

Xehdet ukoll **Salafiah Bent Lenny Quick** li kienet preżenti waqt li seħħ dan l-inċident, iżda nonostante li kkonfermat kif seħħ l-inċident, hija kkonfermat bil-ġurament tagħha, li fl-ebda ħin ma rat lil wiċċ is-sewwieq tal-vettura. Ikkonfermat biss li s-sewwieq kien raġel u li kien qed isuq waqt li kien fuq il-*mobile phone*. Ikkonfermat ukoll il-karnaġġjon tas-sewwieq, iżda fl-ebda ħin ma għarfet lill-imputat bħala s-sewwieq li kien involut f'dan l-inċident.

Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ressqet lil David Pace, li kien il-persuna li fuqu kienet reġistrata l-vettura involuta f'dan l-inċident. Iżda David Pace spjega li huwa kien kera din il-karozza lil ċerta Jessica Muscat u li din kienet qaltlu li din il-vettura kienet ser tinsaq ukoll mill-imputat. Mid-dokumenti eżebiti bħala Dok RA1, irriżulta li kien hemm imniżżel bħala *extra driver name*, isem l-imputat, iżda din ma tammontax għall-prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li dakinhar tal-akkadut, kien proprju Badroush u mhux Jessica Muscat li kien qed isuq il-vettura.

Il-Prosekuzzjoni naqset li tirrintraċċa u tressaq bħala xhud lil Jessica Muscat, li setgħet tixħet dawl dwar min kien qed isuq il-vettura in kwistjoni fil-ħin tal-inċident. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni kienet ippreżentat stqarrija rilaxxata minn Jessica Muscat, iżda din ġiet sfilzata minn din il-Qorti, permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Diċembru, 2023.

Fl-isfond ta' dan kollu, ma jirriżultax li din il-Qorti għandha provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-imputat kien qed isuq din il-vettura fil-ħin, data u post tal-inċident.

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.**

______________________________

Maġistrat Dr. Simone Grech

______________________________

Janet Calleja
Deputat Reġistratur